**KUNSILL LOKALI** **LOCAL COUNCIL**

**BORMLA**
*Citta' Cospicua*

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla**

**Is-8 LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 005/2021**

27 ta' Mejju 2021

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, fil-5:30 ta' filgħaxija.

## PREŻENTI:

Alison Zerafa Civelli – Sindku
Marco Agius – Vici-Sindku
Noyah Spiteri Hammett – Kunsilliera
Martin Vella – Kunsillier
James Cauchi - Kunsillier
Melanie Agius Attard - Kunsilliera

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Johann Scerri – Kunsillier

**ASSENTI:**
Nil

## UFFIĊJAL PREŻENTI:
Duncan Hall – Segretarju Eżekuttiv

*2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1202, Malta*
*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*
*E-mail: bormla.lc@gov.mt*

## Minuti

Is-Sa. Alison Zerafa Civelli, Sindku , ippresjediet il-laqgha

### 5.1 Qari ta' ittri ta' apologija

5.1.1 Is-Sindku qrat e-mail li kien baghat il-Kunsillier Johann Scerri li permezz taghha talab lill-Kunsill Lokali jiskuza l-assenza tieghu mis-seduta minhabba ragunijiet ta' xoghol. Kien hemm qbil unanimu illi l-assenza tal-Kunsillier Scerri kellu jigi meqjus bhala gustifikat.

### 5.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti

5.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 4/2021 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u ghaldaqstant gew meqjusa bhala moqrija.

5.2.2 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sa. Melanie Agius ssekondata mis-Sur Marco Agius, il-minuti ġew approvati b'votazzjoni unanima.

5.2.3 Is-Sindku u Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti bhala dokument korrett.

F'dan l-istadju il-Kunsilliera Noyah Spiteri Hammett harget mis-Seduta ( 5.50 p.m.)

### 5.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

5.3.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi hekk kif maqbul il-Kunsill Lokali kien issottometta applikazzjoni b'konnessjoni mal-iskema Belt Kapitali tal-Kultura 2022. Is-Sa. Zerafa Civelli irringrazzjat lil dawk kollha involuti fl-abbozzar tal-programm ta' attivitajiet.

5.3.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi kien gie varat b'mod ufficjali il-progett pilota ta' 'Community Policing' fil-lokalita', liema progett il-Kunsill Lokali kien qieghed jittama illi jhalli l-frott.

5.3.3 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi kienet ser tkun qieghda tigi varata inzijattiva bl-isem ta' 'school grannies' b'mod pilota. Is-Sa. Zerafa Civelli wara li spjegat fid-dettall l-attivita' ziedet tghid illi l-progett kien ser ikun qieghed jigi implimentat fil-lokalitajiet ta' Bormla u Naxxar

5.3.4 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali b'diskussjonijiet li kien qieghed ikolla b'konnessjoni mar-rigenerazzjoni ta' Gnien il-Kottoner. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi filwaqt lil-perit tal-Kunsill Lokali kien ghaddej b'hidmietu fuq il-masterplan tas-sit, kien hemm diskussjonijiet ghaddejjin bejn l-Onor. Ministru Ian Borg u l-Onor. Ministru Miriam Dalli dwar l-implimentazzjoni tal-pjan innifsu.

5.3.5 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi wara seduta tar-Regjun Xlokk kien gie stabbilit illi l-istess Regjun Xlokk kellu johrog skema li permezz taghha joffri assistenza finanzjarja lil dawk il-Kunsilli Lokali li kienu interessati jikkollaboraw fil-qasam tal-harsien tal-annimali.

5.3.6 Is-Sindku ghaddiet lill-Kunsill Lokali informazzjoni li kellha b'konnessjoni mal-inizjativa *European Capital of Culture 2031*. Is-Sa. Zerafa Civelli infurmat lill-Kunsill Lokali illi hekk bi zviluppi li kien hemm mis-seduta precedenti. Hija kkonkludiet tghid illi l-Kunsill Lokali kien ser ikun qieghed jabbozza stqarrija ghall-istampa li kienet ser tkun qieghda tigi ccirkolata mal-Kunsilliera ghall-approvazzjoni.

## 5.4 Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

5.4.1 Il-Kunsilliera Melanie Agius staqsiet : "Jista l Kunsill jghid jekk hemmx IL hsieb li ssir triq Wigi rosato mil gdid Dan minhabba l fatt li triq qieghda tisfronda ftit ftit.
Is-Sindku wiegbet : Il-Kunsill Lokali ma ghandux pjan li jaghmel triq Wigi Rosato. Jista' jigi kkunsidrat illi l-istess Triq Wigi Rosato tkun wahda mit-toroq li l-Kunsill Lokali jirrakkomanda lil jsiru minn Infrastructure Malta.

5.4.2 Il-Kunsilliera Melanie Agius staqsiet : "Jista l kunsill jara tistax tinkesa toqba li hemm quddiem l-hanit Tal akkwist ghax Minna hierga Riha tinten ta' drenagg li hi ta detriment Ghar residenti".
Is-Sindku wiegbet : Il-hofra in-kwistjoni hija sprall ghall-ilqugh tal-ilma tax-xita u ma tistax tigi maghluqa.

## 5.5 Approvazzjoni ta' skedi ta hlasijiet;

5.5.1 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' hlasijiet (Skeda nru05/21) ghall-approvazzjoni.

5.5.2 Is-Sur Marco Agius ippropona illi l-Kunsill Lokali japprova l-iseda ta' pagamenti li tinsab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti(DOK A). Is-Sa. Melanie Agius issekondat, bil-Kunsillier Martin Vella jitlob illi jigu rregistrati l-voti skont. Art 3(2) tas-Sitt Skeda tal-Att dwar il-Gvern Lokali. Il-votazzjoni kienet is-segwenti:
Alison Zerafa Civelli - Favur
Marco Agius - Favur
Johann Scerri - Favur
Martin Vella - Favur ghall-pagamenti kollha hlief ghal pagamenti bin-numru 2021-398, 2021-399, 2021-401, 2021-403, 2021-405 li ghalihom astjena.
Melanie Agius - Favur
James Cauchi. - Favur

5.5.3 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' petty cash mahrug waqt ix-xahar ta' April 2021.

5.5.4 Fuq proposta tas-Sur Marco Agius ssekondata mis-Sa. Melanie Agius, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' petty cash li tinsab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti ( Dok B)

**5.6 Sejhiet ghall-offerti /kwotazzjonijiet**

5.6.1 Ma kienx hemm.

**5.7 Skema SPI/SCI/8/2020 – Espressjoni ta' Interess – Il-Belt jew rahal Kulturali tas-Sena 2022**

5.7.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi hekk kif kienet diga' tenniet aktar kmieni waqt l-istess seduta, kienet giet sottomessa l-applikazzjoni tal-Kunsill Lokali ta' Bormla b'konnessjoni mal-iskema msemmija. Hija sahqet illi qabel ma kienet giet sottomessa l-applikazzjoni, kien hemm konsultazzjoni mal-Kunsilliera kollha li min-naha taghhom gew infurmati bl-applikazzjoni u l-programm ta' attivitajiet li kien gie abbozzat. Is-Sa. Zerafa Civelli tenniet li ghal darb'ohra xtaqet tirringrazzja lil dawk kollha involuti fl-abbozzar tal-programm ta' attivitajiet rispettiv.

**5.8 Grawnds Peppi Delceppo**

5.8.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi waqt li kien ghaddej ix-xoghol fuq ir-rigenerazzjoni ta' granwds Peppi Delceppo, kienet ingibdet l-attenzjoni ghall-fatt illi kien ser ikun hemm nuqqas ta' dawl fuq il-picc tal-futbol u l-*playing field* li kien jinkorpora l-progett. Hija ziedet tghid illli l-perit tal-Kunsill Lokali kien irrakkomanda illi jizdiedu erba' flood lights fuq il-picc tal-futbol u zewg arbli fuq il-playing field. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi l-ispejjez relatati setghu jigu kkwantifikati mill-kuntratt ezistenti peress illi l-apparat imsemmi kien ser ikun qieghed jigi mizjud ma' dak propost. Kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu jordna z-zied tar-rifletturi tad-dawl imsemmija. Gie deciz ukoll illi kellha tigi kkwantifikata l-ispiza sabiex l-art tal-playing field minflok rubber tiles issir in-situ concrete. Decizjoni dwar il-materja kellha tittiehed aktar tard.

**5.9 SPI/SCI/7/2019 – Finanzjament ta' progetti kapitali – Apparat ghal sistemi ta' irrigazzjoni.**

5.9.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi b'konnessjoni ma' din l-iskema il-Kunsill Lokali kien applika sabiex jinstalla' sistemi ta' irrigazzjoni fi Gnien Santa Margerita, Hubbard Flats u Triq San Nikola. Hija sahqet illi minhabba applikazzjonijiet ghal devoluzzjoni l-progett ta' Triq San Nikola u Hubbard Flats kienu ser jiehdu xi ftit fit-tul. Ghaldaqstant kien qieghed jigi propost illi tinhareg sejha ghall-offerti ghall-installazzjoni ta' sistema ta' irrigazzjoni fi Gnien Santa Margerita. Kien hemm qbil unanimu bejn dawk prezenti illi kellha tinhareg sejha ghall-offerti hekk kif propost.

## 5.10 Konferma ta' Hatra ta' Deputat Segretarju

5.10.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi t-terminu tal-Assistent Ufficjal Principali bhala Deputat Segretarju Ezekuttiv kien wasal fi tmiemu u l-Kunsill Lokali kellu jiddiskuti l-possibilita' ta' estensjoni jew hatra ta' Deputat Segretarju Ezekuttiv gdid.

5.10.2 Wara diskussjoni libera, fuq proposta tas-Sindku, ssekondata mis-Sa. Melanie Agius u b'votazzjoni unanima gie deciz illi kellu jigi estiz it-terminu tal-assistent Ufficjal principali bhala Deputat Segretarju Ezekuttiv.

## 5.11 Rapporti

5.11.1 Is-Sindku ressqet rapport dwar korrispondenza li kienet waslet u li kienet tinhtieg decizjoni mill-Kunsill Lokali. Ittiehdu s-segwenti decizjonijiet:

- Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi dettalji ta' pjanta li kienet baghtet sidt proprjeta' fi Triq l-Oratorju u li kienet qieghda tippjana illi tutilizza spazju miftuh fuq librerija pubbliku ghal skopijiet kummercjali kien jissodisfa l-pjanijiet tal-Kunsill Lokali ghaz-zona.
- Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi talba li kienet tressqet ghal traffic calmer dfi Triq L-iljun kienet gustifikata u l-Kunsill Lokali kellu japplika ma' Transport Malta bil-ghan illi jinhargu l-permessi mehtiega.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat b'korrispondenza li kienet waslet rigward parti minn bankina fi Triq l-Oratorju. Fir-rigward residenta kienet infurmat lill-Kunsill Lokali illi wara li Infrastructure Malta kienet ghamlet xogholijiet fl-istess triq, il-parti tal-bankina li kienet tahbat bejn fondi numru 120 u 125 ma kenitx saret ta' livell soddisfacenti. Wara diskussjoni qasira,  u wara li gie vverifikat minn ritratti li baghtet l-istess residenta, gie stabbilit illi s-sitwazzjoni kellha tigi ratifikata.
- Filwaqt li kien hemm qbil illi fuq talba tal-familjari tal-artist Joseph Casha, kellha tissemma triq ghall-istess individwu, l-istess familjari tas-Sur Casha kellhom jinghataw zewg possibilitajiet u cioe' dik li tissemma jew parti minn triq Santa Liena jew spazju fi hdan progett li kien qieghed iwettaq il-Ministeru ghall-Akkomodazzjoni Socjali ghall-qarib taghhom.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat b'email mir-Regjun Xlokk b'konnessjoni ma' applikazzjoni li kienet giet sottomessa ghall-Kapitali Ewropeja tal-Kultura 2031. Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera illi kellha tinhareg stqarrija ghall-istampa.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat b'korrispondenza li kienet intbaghtet minn erba' individwi b'konnessjoni ma numru ta' xelters u terrapien li kien hemm biswit sur li kien qieghed jigi rrangat fiz-zona ta' San Gwann t'ghuxa u li fl-opinjoni tal-Kunsill Lokali kellu jitnaddaf waqt li kienu ghaddejjin ix-xogholijiet.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat b'ittra ffirmata minn numru ta' residenti fi Triq l-Oratorju  li permezz taghha l-Kunsill Lokali gie mitlub jebvalwa l-installazzjoni ta' *traffic calmers* u jiehu azzjoni rigward allegat abbuz b'konnessjoni ma' boarding/alighting bay li kien hemm fl-istess triq. Wara li gew diskussi d-

dettalji tal-ittra, kien hemm qbil illi r-residenti kellhom jinhgataw risposta dwar il-materja.

**5.11 Aggornament tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

5.11.1 Is-seduta giet fi tmiemha fit-8:20 p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghall-1 ta' Lulju 2021 fil-5:30 p.m.

Konfermati, illum l-1 ta' Lulju, 2021

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ___________________ | _______________________ |
| **Alison Zerafa Civelli** | **Duncan Hall** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |